MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 506/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Dorianne Caruana**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fis-Sena 2011 u fix-xhur u snin ta’ qabel gewwa Qormi u fi bnadi ohra f’ dawn il-gzejjer;

1. Hebbet ghal bintha Hayley Attard minuri ta’ tmien snin, sabiex tingurjha, iddejjaqha jew tagħmel hsara lil din il-persuna u dan ghamlitu anke b’oggetti ibsin.

2. Aktar talli gabet ruhha b’mod illi kkagunat lil ħaddiehor ċioe lill-minuri Hayley Attard biza’ li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` tagħha meta kienet taf jew missha kienet taf li l-imġiba tagħha ser tikkaġuna lil xi haddiehor hekk tibża’ kull darba minn dawn l-okkazjonijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Novembru, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja tal-ewwel (1) akkuza u illiberatha minnha, filwaqt li sabitha hatja tat-tieni (2) akkuza u illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta’ Malta. Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi u dana billi tikkonferma l-istess sentenza fejn l-appellanti ġiet liberata mill-ewwel imputazzjoni, tirrevokha f’dik il-parti fejn sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni u kwindi tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, huma s-segwenti u cioe':-

Illi qabel xejn l-appellanti tilmenta mill-fatt li ghad li kważi għadda t-terminu tal-appell, ir-rikorrenti ghadha sa issa, sprovvista minn sentenza formali; illi naturalment dan l-istat ta’ fatt jizvantaggja l-istess appellanti bil-kbir stante li hija b’dan il-mod impeduta milli tnissel l-aggravji kif imiss fuq is-sentenza. Illi minhabba fil-premess l-appellanti ittenni n-nullita` tas-sentenza peress li ma ġietx redatta konformement mal-liġi;

Apprezzament ħażin tal-provi

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet issib lill-appellanti ħatja tat-tieni akkuża ai termini tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi kien ghal kollox assenti l-element tar-reat.

Illi l-appellanti umilment tissottometti illi l-użu da parti tal-Prosekuzjoni ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 fil-kaz in dezamina hu ghal kollox erronju u saħansitra mġebbed;

Illi l-appellanti tieħu okkażjoni ticcita s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Pulizija vs Joseph Buhagiar deciza nhar l-24 ta' Jannar 2011 per Imhallef Lawrence Quintano***. Hemmhekk dik il-Qorti qalet illi

"*L-artikolu 251 B tal-Kodici Kriminali juza l-kelma 'imgiba' fit-test Malti u 'course of conduct' fit-test Ingliz. Aktar l-isfel fl-istess artikolu insibu l-kliem 'tkun taf li l-imgiba taghha se tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-***okkazjonijiet.**

*F'din it-tieni parti l-legislatur juza l-plural [okkazjonijiet] – kelma li tindika xi forma ta' repitizzjoni. Fil-fatt l-appellant irrefera ghal zewg decizjonijiet li l-Qorti ezaminat u li kienu aktar dwar harassment jew fastidju. Is-sottomissjoni ta' l-appellant li ma hemmx provi ta' ripetizzjoni hija għalhekk ġustifikata."*

Illi dan il-bran japplika ghal kaz de quo. Illi l-provi li gabet il-prosekuzzjoni se mai u in pessima ipotezi jincidu fuq **okkażjoni wahda.**

Illi dwar l-analizi ta' fatt, fl-umli fehma ta' l-appellanti, il-fatt li persuna turi mgħarfa tal-injam lil minuri li tkaxkar saqajha biex tiekol bl-ebda ginnastika legali ma tista` twassal ghal sejbien ta' htija ai termini ta' l-artiklu 251B. Illi se mai dan hu metodu ta' dixxiplina, forsi mhux l-aktar idoneu fiċ-ċirkostanzi, iżda Alla hares naslu fl-assurdita' illi kull persuna li uriet mgharfa ta' l-injam biex tbeżbeż lill-minuri għandha tispiċċa imkaxkra bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex twiegeb ghall-akkuzi ai termini ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9;

Illi kif anke rrizulta mid-depozizzjoni tal-minuri stess Hayley Attard, il-minuri bl-ebda mod ma hi suggetta ghall-biza` kif ravvizata fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Fix-xhieda taghha il-minuri tat nhar il-21 ta' Novembru, 2011, il-minuri irrakkuntat kif thossha 'safe' mal-mama` u r-ragel

taghha l-appellanti Horace Caruana, kif l-ambjent tad-dar hu wiehed san u li ma' ommha u r-ragel tagħha tħossha prottetta. Altro che li mhux espostat ghat-'terrur' li dwaru tant sahqet il-prosekuzjoni b'mod mill-aktar zeluż! Illi wara kollox Alla ħares ma ghandux ikun hemm ftit reverenza mill-ulied lejn il-genituri taghhom kif wara kollox tiddetta l-ordni naturali, ghaliex kieku t-tfal jitilghu minghajr sens ta' reverenza lejn l-awtorita'!

L-appellanti tikkontendi illi l-verb ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta zgur mhux intiz sabiex tinstab htija f' ġenituri li jikkoreġu u jiddixxiplinaw lil uliedhom fil-limitu kif wara kollox huma tenuti li jaghmlu.

Ikkunsidrat

**L-Ewwel Aggravju**

L-appellanti tissottometti li s-sentenza għandha tkun annullata għaliex ma ġietx redatta konfermement mal-Liġi. Il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju għaliex is-sentenza a fol 27 (dik dattilografata) fiha l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kap 9 u għalhekk m'hemm ebda bażi għal dan l-aggravju.

**It-Tieni Aggravju**

L-appellanta ssottomettiet li ma sarx apprezzament tal-provi sew mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Dwar dan il-Qrati tagħna dejjem qalu li din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet legalment u loġikament tasal għal din il-konklużjoni. Kien għalhekk li din il-Qorti għamlet suċċint ta' dak li qalu x-xhieda ewlenin sabiex teżamina l-provi kollha mill-ġdid.
Din il-Qorti rat l-istqarrija a fol 6 tal-proċess magħmula minn Dorianne Caruana u semgħet ix-xhieda mill-ġdid .

**L-Istqarrija tal-appellanti**

Fl-istqarrija tagħha tat-18 t'Awwissu 2011, l-appellanti tkellmet il-għala hija kienet irrapurtat lil Josephine Attard li tiġi n-nanna tagħha. Dwar xi nstab fuq il-computer tad-dar l-appellanti qalet li hija ma tafx tuża l-computer iżda t-tifla kienet aktar midħla tiegħu. Filfatt kienet tniżżel il-

cartoons li jgħidulhom inizżlu l-iskola. Hi kienet tipprova żżomm id-dixxiplina u jekk tgħid kelma żżommha. Jekk tgħidilha li ma kinitx ser tara program għax tkun qagħdet pastaża, allura dak il-programm ma tarahx. It-tifla kienet saret xi ftit aggressiva u jekk tipprova tiċċajt magħha xxejjer bis-sieq u bl-idejn. Il-filmat kien ta' xi sentejn qabel u hi qatt ma kienet immaltrattat it-tifla. Għaliha dak ma kien swat xejn għax meta ssawwat 'il xi ħadd mhux hekk. It-tifla tieħu għaliha u tibda tibki għalxejn u

'ġieli Horace jgħidilha ħa toqgħod tibki mela ħa nġib il-mobile. Infatti anki tidħak bdiet.'
Dwar l-imgħarfa hija qalet li din kienet toħroġha meta kienet żgħira biex tbeżżagħha. Kienet tagħti xi daqqa fuq il-mejda sabiex Hayley Attard tiekol. Dejjem kienet tatha t-torturi biex tiekol.
Imbagħad qalet li fil-filmat huma kienu qed jiċċajtaw magħha għax Hayley Attard tieħu għaliha. Huma kienu qed jinkuha u hi tieħu għaliha u qisu jagħtik li tinkiha imma mhux b'disprezz. U hawn staqsiet, 'Li kieku qed nimmaltrattha ħa niġbed kollox fuq il-mobile?' It-tifla kienet tiddejjaq min joqgħod jiffilmjha u kienet tieqaf tibki.
It-tifla ġieli qalet kelma b'oħra u ġielei ppruvat tivvinta fuq Horace għax jirrabja magħha. Darba qalet li kien hemm tfal li sawtuha u ma kien very xejn.

**Ix-xhieda**
It-tifla Hayley Attard ta' tmien snin xehdet li kienet taf lil Horace Caruana u lil dan ġieli ratu jieħu xi ritratti jew xi film. Lilha wkoll kien jiffilmjha. Hija ma kenitx tieħu gost li jiġbdilha xi video waqt li kienet tkun qed tibki u li kienet tibża' mill-wooden spoon jekk xi ħadd isawwatha biha. Meta kienet għand ommha, ommha kienet tuża l-wooden spoon għalkemm dan mhux dejjem kien isir. Horace Caruana ma kienx taha bil-wooden spoon u lanqas ġibdilha widnejha. Lanqas ma kienet tieħu gost li xi ħadd jiffilmjha waqt li dan ikun itektek bil-wooden spoon. Jekk tara 'l xi ħadd bil-wooden spoon, tibża' li xi ħadd ser isawwatha biha.

Hija qalet ukoll li ġieli marret ħdejn il-baħar iżda ma ftakritx li nġibdilha xi video jew li ttieħdu xi ritratti hemmhekk.

Mistoqsija jekk tgħidx li ma tridx tieħkol x'kien jiġri, it-tifla wiġbet 'Insejt'. Ix-xhud lanqas ma ftakret li kellmuha persuni oħra fuq l-istess affarijiet. Ix-xhud qalet li hija tħobbha lil ommha u kienet tħobb ukoll lil Horace Caruana u lil missierha. Ix-xhud kienet taf li ommha kienet preżenti fl-awla u li qed tismagħha.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li l-iskola titkellem fuq it-toys u fuq il-homework. Meta kienet żgħira kienu jieħdu ħsiebha ommha u missierha. Hija kienet ferħana mal-mama' u kienet tieħu gost meta kienet tmur il-bandli jew tgħum il-baħar ma' ommha. Jekk kienet tweġġa' d-dar hija kienet tmur għand ommha u kienet tħoss li ommha qed tieħu ħsiebha. Jekk ommha u n-nanna kienu jgħajtu ma' xulxin hija ma kenitx tibża' imma kienet tgħidilhom biex jieqfu. Jekk in-nanna tmur l-isptar u ommha ma tkunx id-dar kien jiddispjaċiha li ommha mhix qegħda d-dar. Ix-xhud ukoll insiet jekk ħadulhiex xi film Ta' Qali jew ħdejn il-baħar. Dwar il-mod kif tiekol, ix-xhud qalet li ġieli kielet malajr u ġieli bil-mod, speċjalment jekk ma jkollhiex ġuħ. Jekk kienet iddum biex tiekol xorta dejjm kienet tmur ħdejn ommha.

L-Ispettur Graziella Grech xehdet li bdiet l-investigazzjoni wara ittra mill-Appoġġ. Hija ġabret xi filmati mill-computer u mill-filmati hi dehrilha li rriżulta 'ċertu abbuż psioloġiku'. Meta kellmet lit-tifla, ix-xhud skopriet li din kienet tibża' ħafna mill-imgħarfa. Safejn ftakret ix-xhud kien Horace Caruana li ħa l-computer l-għassa jew ġabru. Lil 'missier' li qed tgħix miegħu bħal issa, it-tifla ssejjaħlu Wuwwu. Kull meta kellmet lit-tifla, it-tifla kienet taf li kien hemm ommha barra. Darba minnhom missierha kien ħa t-tifla l-baħar u riedha tibqa' għall-barbecue iżda ommha ma ħallithiex.
Fil-kontro-eżami l-Ispettur Graziella Grech qalet li r-raġuni għalfejn kienet arrestat lill-omm kienet li ħasbet li kienet qed tintwera xi pornografija d-dar. Hija ressqet lil omm b'akkuża tar-reat taħt l-artikolu 251B minħabba l-użu tal-wooden spoon. Żiedet tgħid li meta kienet qed tkun iffilmjata ħdejn il-baħar, it-tifla telqet 'l hemm. Fl-ebda ħin ma rriżultalha li Horace Caruana kien qed juri l-pornografija lit-tifla.

It-tielet xhud kienet il-clinical psychologist Veronica Ellul nominata mill-Qorti. It-tifla ma qaltilha xejn fuq il-filmati. Fl-ewwel filmat donnha li t-tifla ma kinitx qed tieħu gost li kien qed jinġibed film. Fil-film l-ieħor jidher li t-tifla bdiet tibża' meta l-omm ġabet l-imgħarfa tal-injam. F'mument minnhom Horace Caruana ta daqqa bil-wooden spoon fuq in-knuckles tat-tifla. Ix-xhud kompliet tosserva t-tifla u rriżulta li l-logħob tat-tifla huwa kkonċentrat fuq il-krudelta' fejn hi tieħu perpetrator position. It-tifla qatt ma esprimiet biża' mill-omm jew minn Horace Caruana. Fuq il-videos ma qalet xejn. Lil ommha hija tħobbha. Fil-filmati tidher li ma tridx tkun iffilmjata u qed tibża' mill-wooden spoon. Fil-filmati m'hemmx xi forma ta' empatija mill-omm.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li l-filmati huma ftit minuti mill-ħajja ta' Hayley Attard u li din it-tifla ma tibżax minn Dorianne Caruana (fol 45). Qabel telgħet tixhed hija kienet staqsiet lit-tifla jekk xtaqitx li tgħid xi ħaġa lill-Imħallef u t-tifla qaltilha li kienet qegħda tajjeb. Lil ommha hija tħobbha u riedet tiltaqa' magħha aktar ta' spiss. Lanqas ma qalet li tibża' minn Horace Caruana. Żiedet tgħid li hi ħaġa normali li l-ġenituri jieħdu ritratti jew films ta' uliedhom iżda hija qatt ma rat filmati fejn it-tfal kienu qed jissuppervjaw jew jibku. Dorianne Caruana kienet qalet lix-xhud li hi (Dorianne Caruana) ma ħassithiex safe li tmur għand l-Appoġġ għax kienu daħħluha f'ħafna nkwiet (fol 47). Inkejja bejn ulied u ġenituri jew vice versa tiġri iżda din kienet inkejja differenti.

Fir-ri-eżami x-xhud innegat li fil-filmati kien hemm xi forma ta' sadiżmu. (fol 48). Ix-xhud ħassitha nwetata li l-appellant/I kien/u qed jieħdu pjaċir jaraw lit-tifla f'sitwazzjoni ta' biża' u ta' dwejjaq. (fol 49).

Reġa' sar kontro-eżami ieħor fejn ix-xhud qalet li kienet qed tagħmel evalwazzjoni fuq persuna li hija di prima persona qed ma evalwatha.

Xehdet l-appellanti nnifsha (fol 74) li qalet li lit-tifla rabbietha hi tmien snin sħaħ. Il-filmat kien ilu għax hija lanqas biss kienet tiftakru għax din ma kinitx xi ħaġa li ssir regolari. It-tifla kienet għadha iżgħar ukoll. Il-filmat kien ilu sentejn żgur. Kienu qegħdin jippreparaw biex joħorġu u t-tifla damet tiekol siegħa u nofs. Drabi oħra damet aktar. Ix-xhud kienet sabbtet fuq il-mejda sabiex it-tifla tagħti

kasha. Hija kienet ġibditlilha xagħarha biex it-tifla tirrealizza li kien sar il-ħin biex joħorġu. Lit-tifla kienet tagħmel kollox għaliha, ukoll meta kienet l-isptar. Ma tistax tqabbel ftit mumenti fuq il-filmat ma' tmien snin li kienet ilha tgħix max-xhud. Tant ma beżgħetx meta x-xhud ħabbtet fuq il-mejda li xorta ma kilitx. Fil-filmat imkien ma missitha bl-imgħarfa. It-tifla hija mixtieqa ħafna li tiġi d-dar. Dejjem kitbitli 'I love you. I miss you.'

**Fil-kontro-eżami** hija kienet mistoqsija jekk tiftakarx dik il-parti tal-filmat fejn Horace jgħidilha 'Ġib l-imgħarfa għax minnek tibża'' Hija wieġbet 'Iva' għax it-tifla tkun taf li ser tikkoreġiha. **Hija ċaħdet li qatt tat it-tifla bl-imgħarfa jew xi daqqa ta' ħarta**. Hija ma ftakritx li t-tifla qaltilhom li tiddejjaq min jeħdilha l-videos. (fol 78).

It-tifla kienet qaltilha li Horce kien imbuttha. Hi ma ftakritx li xi darba qaltilha li sawwatha. It-tifla tħobb tiggoffa billi taqbadlek wiċċek u toqgħod tinkik. Hawnhekk hija kienet tiċċajta magħha. Hi ċaħdet li qatt ġibdet widint it-tifla u qatt ma tatha fuq rasha. Lit-tifla ma tathiex bl-imgħarfa iżda kienet ratha tibki. Kienet beżgħet mill-imgħarfa. Il-filmati l-oħra ma ssemmewx f'dawn il-proċeduri.

Xehdet ukoll Lydia Busietta li hija l-psikoterapista tal-appellanti. Hija qalet li minkejja li l-appellanti għaddejja minn żmien diffiċli hija xorta baqgħet sensittiva għall-bżonnijiet tat-tifla. Kellha anzjeta' dwar l-allegazzjoni ta' abbuż minn persuna fil-familja u issa kienet żdiedet b'din is-separazzjoni mit-tifla. Fit-terapija jidher li l-parental skills tagħha huma naturali u hija dejjem interessata li titgħallem fuq parental skills.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-appellanti kienet marret għandu qabel ma kellmuha l-pulizija.

Hija kienet taf li s-swat mhux tajjeb. Dwar il-filmat, l-appellanti dehrilha li kienet retta fl-atteġġjament tagħha. Hija kienet qed titgħallem bħal ommkif tikkoreġi lit-tifla qabel ma deher dak il-filmat.

Xehdet ukoll is-social worker Marlene Agius li qalet li matul il-visit li saret fit-28 ta' Ġunju 2012 it-tifla qalet lil ommha li l-aħħar li xehdet il-Qorti – fl-20 t'April 2012, il-papa' tagħha (Steve Attard) qalilha li ma kienx kuntent bl-affarijiet li semagħha tgħid meta xehdet Hailey Attard u li jekk hi xtqaet li missierha jkun kuntent tgħid l-affarijiet li jgħid hu.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li t-tifla qajmet il-punt. Fil-bidu tal-visit, it-tifla tkun magħluqa ħafna biex titkellem iżda mbagħad tibda tħossha aktar komda u titlkellem.

**Il-filmati**

Il-Qorti eżaminat il-filmati tliet darbiet u ħadet xi noti wkoll. Fil-filmat ta' Ta' Qali tidher it-tifla tibki aktarx għax ma tridx min jehdilha l-video. Dan idum madwar 58 sekonda. L-istess jingħad għall-filmat ta' Wied Iż-Żurrieq fejn Horace Caruana jinstema' jgħid lit-tifla biex ma tmurx 'il bogħod. L-omm tidher tmelles xagħar it-tifla. Din wisq probabbli qed tibki għax qed jinġibed video. Il-film li l-aktar ġibed l-attenzjoni kien dak li juri t-tifla tiekol bil-mod (madwar 16-il minuta). It-tifla daqqa tkun qed tidħak u daqqa tkun qed tibki. Tidher ukoll tixħet lura lejn Horace Caruana spoon żgħira tal-ġelat li kien waddbilha hu. L-istess Horace Caruana ntsema' wkoll iħeġġiġha biex tkompli tiekol u ntwera wkoll iressqilha l-platt aktar viċin tagħha. Għal xi mumenti t-tifla ma tidhirx għax presummibilment tistaħba taħt il-mejda. Hawn jinstema' ċertu tektik li l-Qorti interpretat bħala tektik tal-wooden spoon. Tidher l-omm thedded bil-wooden spoon waqt li Horace Caruana deher jibbilanċja l-wooden spoon fuq il-mejda. Hawnhekk terġa' tidher it-tifla u tibda tidħak. Fil-5.21 sekonda tal-film tidher l-ewwel 'slap'[1] minn għand Dorianne Caruana. L-omm tkompli tidħak waqt li it-tifla tidher xi ftit disturbata. Fit-8.19 huwa Horace Caruna li jolqot it-tifla bil-wooden spoon. Iżda fl-10.36 it-tifla tidher tidħak u tistrieħ fuq ommha. Terġa' tidher il-wooden spoon fl-10.47 u 10.55 waqt li fil-11.04 l-omm tiġbed xagħar it-tifla. Il-Qorti għaddet erba' minor 'slaps' da parti tal-omm matul dan il-video (6.19; 6.32; 6.37, 6.47(din tal-aħħar min-naħa ta' wara tar-ras) Imbagħad fit-8.03 l-omm tidher qed tmelles xagħar it-tifla u fid-9.53 hemm ġibda tax-xagħar).

**Punt ta' Dritt dwar it-Tieni Aggravju.**

**L-artikolu 251B jipprovdi hekk:**

**'251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-**

[1] Din hija l-kelma l-aktar addattata li setgħet issib il-Qorti għaliex dak li rat ma jammontax eżatt għal daqqa ta' ħarta kif is-soltu nifhmu b'din il-kelma.

**proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.**

**(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.**

**L-interpetazzjoni tal-artikolu 251B tal-Kap 9 permezz tal-Każistika.**

Il-każistika fuq dan l-artikolu tgħid hekk:

'L-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tiegħu jikkaġuna li ħaddieħor jibza' li ser tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. **Jiġifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.'** (Qorti tal-Appell Kriminali: Imħallef Dr Joe Galea Debono B.A.LL.D (Il-Pulizija versus Raymond Parnis 18 ta' Ġunju 2009 u Qorti tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija versus Massimo Tivisini 27 ta' Frar 2009).

Barra għal dan il-każ, il-Qorti ser tirreferi wkoll għall-każ segwenti fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Brian Micallef' tal-14

t'Ottubru 2011' deċiż mill-Prim'Imħallef l-S.T.O. Dr Silvio Camilleri' fejn intqal hekk:
'16. Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas żewġ okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta'din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.
17. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tiegħu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha

tikkonsisti f‘mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f’okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa‘ it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.’

L-artikolu 251B jinsab fis-subtitolu IX taħt it-tTitolu ‘Theddid, Vjolenza Privata u Harassment’. Analiżi tal-artikolu 251B turi li jrid ikun hemm dawn l-elementi:

(a) a course of conduct – ‘l-imġiba tagħha’ fit-test Malti;
(b) iġġiegħel lil ħadd ieħor jaħseb li ser tintuża l-vjolenza kontrih jew il-propjeta’ tiegħu jew il-persuna jew il-propjeta’ ta’ axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);
(ċ) it-test tar-reasonable man għal dik li hija intenzjoni.

Għal dik li hija applikabilita’ m’hemm xejn x’jeskludi dan l-artikolu milli jkun jgħodd ukoll għall-każijiet ta’ dixxiplina speċjalment fejn din tista’ tkun waħda esaġerata. Bħalma jistgħu ikun applikati wkoll l-artikoli dwar offiża ħafifa, offiża gravi u offiża gravissima.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta’ Hayley Attard b’attenzjoni u rat li lil ommha t-tifla għadha tħobbha sa llum. Biss ma kinitx tieħu gost li jinġibdilha xi film waqt li tkun qed tibki u kienet tibża’ mill-wooden spoon.

Il-Qorti wkoll tat każ tar-raġuni għala l-omm tressqet b’arrest- skont l-Ispettura dan kien minħabba l-użu tal-wooden spoon. Iżda skont il-Clinical Psycholigist it-tifla ma kinitx tibża’ la minn Dorianne Caruana u lanqas minn Horace Caruana u l-filmati ma juru l-ebda sadiżmu. Iżda l-clinical psychologist ħassitha inkwetata li Horace Caruana u Dorianne Caruana kienu qed jidħku fil-filmati waqt li t-tifla kienet qed tibki.

U wiżnet ukoll dak li xehdet l-appellanti u dak li qalet l-istess appellanti fl-istqarrija. B’mod speċjali
(a) li ma kinitx ħaġa tas-soltu li joqogħdu jieħdu dawn il-films tant li l-filmat kienet insietu għax aktarx kien ilu xi sentejn li sar;
(b) li meta t-tifla kienet iżgħar kienet tbeżżagħha billi toħroġ il-wooden spoon u tagħti fuq il-mejda minħabba li t-tifla dejjem kienet ttiha t-torturi biex tiekol;
(ċ) li jista’ jkun li t-tifla tibża’ minnha b’mod ta’ dixxiplina.

(d) li qatt ma tat daqqiet bil-wooden spoon.

Din il-Qorti tagħmilha ċara li l-vjolenza taħt l-artikolu 251B tista' tkun waħda psikoloġika fis-sens li l-artikolu minnu nnifsu qed jipprovdi għal ċerti imġiba ta' persuna li jġiegħel lil persuna taħseb li jista' jiġrilha xi ħaġa. U għalhekk il-Qorti qed tistħarreġ il-fatti minn kull aspett – kemm dak ta' abbuż fiżiku kif ukoll dak ta' abbuż psikoloġiku. Izda mhux kull preokupazzjoni psikologika twassal ghal reat that dan l-artikolu. Ghalhekk il-Qorti trid tqis kull kaz ghalih.

Milli fatti li joħorġu mill-provi jirriżulta li t-tifla kienet

(a) tiddejjaq min jeħdilha xi video waqt li tkun qed tibki;

(b) tibża' mill-wooden spoon.

Fil-fehma tal-Qorti m'għandu jsir xejn kontra x-xewqa tat-tfal imqar jekk din hija xi ħaġa innoċenti bħalma hija l-ġbid ta' film. Iżda fil-fehma tal-Qorti dak li semgħet fl-Awla u dak li rat fil-filmati ma jammontax għall-vjolenza kontra l-persuna msemmija fil-artikolu 251B. Dan l-artikolu huwa reat u la jaqa' taħt il-Liġi Kriminali wieħed irid jinterpretah strettament skont il-kliem.

Dwar il-wooden spoon, din il-Qorti tikkundanna l-użu ta' kull forma ta' dixxiplina fiżika – mini slaps, ġbid tax-xagħar u xi daqqiet bil-wooden spoon. Mill-filmati jirriżulta li l-użu tal-wooden spoon sar f'okkażjoni waħda biss.

Mill-istqarrija tal-appellanti jidher li sar xi użu tal-wooden spoon 'meta t-tifla kienet għadha iżgħar'. Dawn l-erba' kelmiet fl-istqarrija li ma jagħtu ebda ħjiel ta' meta sar dan l-aġir u ta' kif sar. L-omm insistiet li qatt ma sawtet lil bintha bil-wooden spoon.

Minn dak li xehdet it-tifla li ġieli ntużat il-wooden spoon, ma jirriżultax kif intużat (biex wieħed ikun jista' jiżen kienx hemm il-biża' li ser issir xi ħaġa fuq il-persuna) u lanqas it-time frame meta din ntużat.

Għalhekk mill-provi jidher li hemm element tal-artikolu 251B nieqes – dak tat-tieni okkażjoni jew aktar – ta' meta sar dan l-aġir.

Ma jirriżultax ukoll it-tielet element – l-intenzjoni rikjesta minn dan l-artikolu.

Dwar il-ġbid ta' filmati jidher li dan kien idejjaq lit-tifla għalkemm fil-filmat it-twil ta' waqt l-ikel it-tifla tidher tkompli tiekol, għalkemm bil-mod, u għal ħafna mill-ħin tidher qed tidħak. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax li saret

prova li t-tifla 'titwerwer' b'min jiffilmjha iżda li hija **tiddejjaq.** Iżda dan id-dwejjaq ma jammontax għal dik il-'vjolenza' (li wieħed jibża' li ser ssir xi ħaġa fuq il-persuna tiegħu) rikjesta mill-artikolu 251B. Infatti wkoll meta xehdet quddiem il-Qorti, it-tifla qalet 'ma niħux gost' meta jkunu qed joħdulha film iżda ma qalitx li kienet tħoss xi tibża' li ser jiġrilha xi ħaġa kbira.

Għalhekk, ukoll mil-lat psikoloġiku, ma jirriżultax 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien hemm xi vjolenza psikoloġika.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u qed tillibera lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Dorianne Caruana' fil-21 ta' Novembru 2011 billi tikkonfermha fejn illiberatha mill-ewwel imputazzjoni u tirriformha billi tħassar dik il-parti fejn sabitha ħatja tat-tieni imputazzjoni u lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum u minflok qed tilliberha mit-tieni imputazzjoni u minn kull piena jew sanzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------